# Lectio Divina

## Ħadd il-Palm

## Sena B

## Mk 11:1-10

### (il-vanġelu tal-purċissjoni)

**Peress li din il-lectio saret fl-intern ta' ċelebrazzjoni penitenzjali hemm inklużi mistoqsijiet (fil-korsiv) u siltiet mit-tagħlim tal-Papa u tal-Isqof sabiex jgħinu lis-seminarista fl-eżami tal-kuxjenza.*

**Xħin waslu qrib Ġerusalemm, quddiem Betfaġe u Betanja, ħdejn l-Għolja taż-Żebbuġ,**
«Betfaġe», ir-raħal tat-*tin li għadu ma sarx*, u «Betanja», il-post tal-*ħbieb* ta' Ġesù, xi 3 km 'il bogħod mill-Belt Imqaddsa, huma l-imkejjen tat-*tisfija* fejn Ġesù *jitħejja* sabiex jidħol Ġerusalemm għall-passjoni tiegħu. Infatti «Betfaġe» tista' tkun simbolu tat-«Tempju» fejn jidħol il-Mulej dritt wara din is-silta (cfr *Mk* 11:11), il-post jixbah lis-siġra tat-tin li ma tagħmilx frott meta jeħtieġu l-Mulej u għalhekk tisfa misħuta (cfr *Mk* 11:12-25), filwaqt li «Betanja» huwa l-post fejn matul din l-aħħar ġimgħa tiegħu Ġesù jmur jistrieħ mal-lejl u fejn jiġi «midluk» għad-difna (cfr *Mk* 14:3-9). L-«Għolja taż-Żebbuġ» huwa l-post fejn l-Imgħallem ikellem lid-dixxipli tiegħu fuq l-aħħar taż-żminijiet (cfr *Mk* 13:3) f'kontinwità mal-profezija li tħabbar li proprju hemm sejra sseħħ it-taqbida tal-aħħar (cfr *Żak* 14:4). Sabiex id-dixxiplu jkun jista' jidħol Ġerusalemm fuq il-passi tal-Imgħallem tiegħu, jeħtieġ li *jsaffi* l-kunċett li għandu tal-Messija, *ibiegħed* minnu kull ħsieb ta' Salvatur politiku li jimxi mal-iskemi tad-dinja midinba, u *jagħraf* fl-imħabba-li-taqdi dak l-għemil li jibqa' jissemma' «kull fejn jixxandar l-Evanġelju fid-dinja» (*Mk* 14:9).

> *X'ideal għandi tal-ħajja saċerdotali? Kemm jaqbel mal-mod kif Kristu jgħix is-saċerdozju waħdieni tiegħu? Fejn hemm bżonn nitlob lil Mulej isaffini minn ideat/kunċetti żbaljati?*
>
> The life of Jesus' closest disciples, which is what we are called to be, is shaped by ***concrete love***, a love, in other words, marked by ***service*** and ***availability***. It is a life that has no closed spaces or private property for our own use, or at least there shouldn't be. Those who choose to model their entire life on Jesus no longer choose their own places; they go where they are sent, in ready response to the one who calls. They do not even choose their own times. The house where they live does not belong to them, because the Church and the world are the open spaces of their mission. Their wealth is to put the Lord ***in the midst*** of their lives and to seek nothing else for themselves. So they flee the satisfaction of being at the centre of things; they do not build on the shaky foundations of worldly power, or settle into the comforts that compromise evangelization. They do not waste time planning a secure future, lest they risk becoming isolated and gloomy, enclosed within the narrow walls of a joyless and desperate self-centredness. Finding their happiness in the Lord, they are not content with a life of mediocrity, but burn with the desire to bear witness and reach out to others. They love to take risks and to set out, not limited to trails already blazed, but open and faithful to the paths pointed out by the Spirit. Rather than just getting by, they rejoice to evangelize.
>
> FRANCIS, *Mass with [...] seminarians*, Poland, 30 JUL 2016.

**bagħat tnejn mid-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Morru fir-raħal li hemm biswitkom, u kif taslu hemmhekk issibu felu marbut li ħadd għadu ma rikeb fuqu. Ħolluh u ġibuh.**
Il-Mulej jafda l-missjoni tiegħu ta' *liberazzjoni* («Ħolluh») lil «tnejn mid-dixxipli», bħal dakinhar li «sejjaħ it-Tnax, u beda jibgħathom tnejn tnejn, filwaqt li tahom is-setgħa fuq l-ispirti l-ħżiena» (*Mk* 6:7). Il-protagonista ta' din is-silta, aktar milli l-Mulej Ġesù, hu l-«felu» — hu l-mezz ta' trasport ta' sultan li ma jiddandanx bil-poter (iż-żiemel) u lanqas għandu pretensjonijiet li jikseb xi setgħa fuq din l-art (il-karru tal-gwerra; cfr *Eż* 14:9); imma li hu «ġust u rebbieħ, umli u riekeb fuq ħmar, fuq felu ta' ħmara» (*Żak* 9:9). Il-«felu» huwa l-annimal tal-qadi ordinarju, simbolu tal-perseveranza u tal-fedeltà fis-servizz mogħti, nieqes minn kull xewqa li jaħkem fuq l-oħrajn: hu jservi u xejn aktar u għaldaqstant b'differenza taż-żiemel hu ma jistax jiġi mgħallem u jkun *strumentalizzat* għal skopijiet differenti. Ħaġa waħda jista' jagħmel: iservi, iġorr il-piż, jaqdi. Għalhekk huwa t-tron xieraq ta' Ġesù, il-Bin il-bniedem li «ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra» (*Mk* 10:45), u li «tgħabba bi dnubietna sa fuq is-salib, biex aħna mmutu għad-dnubiet u ngħixu

għall-ġustizzja» (*1Pt* 2:24). Id-«dixxipli» huma msejħa, mibgħuta, biex huma wkoll *iħollu* l-«felu» tal-imħabba u tal-qadi. Huwa felu li «ħadd għadu ma rikeb fuqu» għax spiss id-dixxiplu jkun ittentat biex ifittex il-prestiġju, l-unur, il-poter, l-apprezzament f'dak kollu li jwettaq. Dan bir-riskju li għalkemm min-naħa jgħid li hu miexi wara s-Sultan riekeb fuq felu ta' ħmara, min-naħa l-oħra jgħix stil ta' ħajja tal-ħakkiem li jippreferi juża ż-żiemel u l-karru tal-gwerra. Il-prodott li joħroġ minn din it-*taħlita* huwa l-«bagħal», u allura ħajja ta' bniedem nieqes mill-għerf u l-għaqal tal-qaddej li jagħraf jgħix bħat-tfal u hekk isaltan ma' Sidu (cfr *Mk* 10:14): «Tkunux bla sens bħaż-żiemel u l-bagħal, li bil-lġiem u r-riedni trażżanhom, biex jirnexxilek tiġbidhom lejk» (*S* 32:9).

*Il-Mulej jibgħatni nħoll il-felu tal-imħabba u tal-qadi. X'hemm iżommu marbut? Fejn jeħtieġ nikber aktar fil-fedeltà tiegħi ta' kuljum sabiex naqdi lil Mulej?*

Henceforth, may your attentiveness prepare you appropriately to accept a free **and irrevocable choice of total fidelity** to Christ, to his Church and to your vocation and mission. The Seminary is the school of this fidelity, which is learned first and foremost in prayer, particularly in liturgical prayer. In this time, friendship with Jesus is cultivated, centred on the Eucharist and nourished by contemplation and by the study of Sacred Scripture. The ministry cannot be exercised well if we do not live in union with Christ. Without him we can do nothing (cf. Jn 15:5).

FRANCIS, *Address to the Pont. Reg. Seminary of Sardinia*, 17 FEB 2018.

**Jekk xi ħadd jistaqsikom: 'Dan kif qegħdin tagħmluh?' għidulu, 'Il-Mulej jeħtieġu, u malajr jerġa' jibagħtu hawn.'"**

Il-«felu» għandu aktar minn *sid* wieħed – hemm is-sid li jrid iżommu marbut, filwaqt li hemm il-veru sid, «il-Mulej» illi *jeħtieġu* maħlul. Hu f'idejn id-dixxipli li jagħtu widen għas-Sid il-veru u jwettqu dak li jgħidilhom b'fiduċja ubbidjenti: «Ara jiena llum qegħedtlek quddiemek il-ħajja u l-ġid, il-mewt u d-deni. Issa jekk tisma' mil-liġi tal-Mulej, Alla tiegħek, li qiegħed nordnalek illum: li tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, li timxi fit-triqat tiegħu, u tħares l-ordnijiet u d-digrieti tiegħu, int tgħix u titkattar [...] Imma jekk qalbek iddur u ma tismax, tintgħewa u tqim allat oħra u taqdihom, jien ngħidilkom illum li tinqerdu żgur...» (*Dt* 30:15-18). Il-«Mulej» huwa l-Ħellies li hu nnifsu huwa *ħieles* minn kull irbit ta' pussess: hu jissellef kollox għax hu *jinħall* saħansitra minn dak kollu li huwa tiegħu hekk «li ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir» (*Fil* 2:6-7); «Il-volpijiet għandhom l-għerien tagħhom u l-għasafar tal-ajru l-bejtiet, iżda Bin il-bniedem ma għandux fejn imidd rasu» (*Lq* 9:58). Id-dixxiplu wkoll huwa msejjaħ biex *jinħall minn kull rabta*, biex iħalli kollox u jimxi wara Ġesù (cfr *Mk* 10:28) u jgħodd kollox bħala telf «ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi (*Fil* 3:8).

*Nitlob lil Mulej jeħlisni mis-sidien foloz li jixtiquni nibqa' marbut bil-ħbula tal-egoiżmu. Fejn hemm bżonn nikber aktar fil-fiduċja ubbidjenti għall-kelma ta' Kristu? Hemm xi dnub partikulari li qed iżommni marbut? X'relazzjoni għandi mal-ġid tal-art? X'użu nagħmel mill-ġid tiegħi?*

Today's material and spiritual poverty make even more important what has always been called for: namely, that pastors be attentive to the poor, capable of being with them, with a simple way of life, so that the poor may feel that our Churches are firstly their homes. I encourage you to prepare from now on to become priests *of* the people and *for* the people, not domineering the flock entrusted to you (cf. 1 Pt 5:3), but servants. There is so much need of men of God who look at what is essential, who lead a sober and transparent life, without nostalgia for the past but able to look ahead according to the sound tradition of the Church.

FRANCIS, *Address to the Pont. Regional Seminary of Sardinia*, 17 FEB 2018.

**Marru, u sabu felu marbut ħdejn bieb barra fit-triq; u ħallewh. Xi wħud minn dawk li kienu hemm qalulhom: "X'intom tħolluh tagħmlu dak il-felu?" Huma weġbuhom kif kien qalilhom Ġesù, u dawk ħallewhom jagħmlu.**

Il-missjoni tad-dixxipli li *jħollu dak li hu marbut* tqajjem reazzjoni minn dawk preżenti – hija azzjoni li sseħħ fid-dieher, f'*salib it-toroq* (gr. αμφοδον tr. *ámphodon*) fejn kulħadd jista' jara. Filwaqt li d-dixxiplu huwa msejjaħ biex jevita kull tentazzjoni ta' eżibizzjoniżmu (cfr *Mt* 6:1-18), huwa minnu li l-għaqda tiegħu ma' Kristu twasslu biex isir *dawl* u *bxara* għall-oħrajn: «U qalilhom: "Jaqaw il-musbieħ iġibuh biex iqegħduh taħt is-siegħ jew taħt is-sodda? Mhux fuq l-imnara jqegħduh? Għax ma hemm xejn moħbi jekk mhux biex jingħaraf, u xejn ma hu mistur jekk mhux biex jinġieb għad-dawl.» (*Mk* 4:21-22); «Dak li jien ngħidilkom fid-dlam għiduh fid-dawl, u dak li ngħidilkom f'widnejkom xandruh minn fuq il-bjut» (*Mt* 10:27). Għalhekk id-dixxiplu għandu jkun dejjem

lest biex jistqarr lil Kristu bħala r-raġuni tal-għażla tiegħu li *jħoll* bl-imħabba dak li jkun ġie *marbut* bil-biża' frott id-dnub (cfr SANTU WISTIN, *Sermo* 295, 2-4): «Kunu dejjem lesti biex tagħtu tweġiba lil kull min jitlobkom il-għala tat-tama li għandkom; imma wieġbu bil-ħlewwa u bir-rispett» (*1Pt* 3:15-16).

*Fil-komunità u fil-ħidma pastorali tiegħi kemm nista' ngħid li ħajti u l-għażliet li nagħmel iqajmu mistoqsija f'dawk ta' madwari? Kemm hu tassew il-Mulej Ġesù r-raġuni ta' dak li nagħmel? X'sitwazzjonijiet għandi fir-realtà pastorali li għalihom nitlob lil Mulej jagħmilni strument sabiex ikun jista' jħollhom mill-irbit tad-dnub? Kemm huma dawn il-vera preokkupazzjonijiet pastorali tiegħi?*

It-tradizzjonijiet reliġjużi li għandna, il-fatt li ħafna jitolbu s-sagramenti għax għandhom seħer soċjali, kif ukoll id-drawwa li mmorru l-quddiesa tal-Ħadd, lilna ma jgħinuniex nirrealizzaw l-urġenza li nkunu "Knisja missjunarja". Għaldaqstant, għadna napplikaw ħafna mill-enerġija tagħna biex inperrċu u nindukraw il-wirt reliġjuż li rċivejna. Jekk ser nibqgħu wieqfa f'dan l-istadju, qegħdin naraw sa mneħirna. Ser jasal jum fejn mhux biss nitilfu tal-bieraħ, imma nsibu ruħna bla ġejjieni. Għalhekk hemm bżonn li lkoll nieħdu parti konxja u attiva fl-evanġelizzazzjoni. Kif jafferma l-Papa, kull min hu mgħammed għandu jistqarr: "*Jien missjoni fuq din l-art u għalhekk ninsab fid-dinja*... Aħna mmarkati bin-nar minn din il-missjoni li ndawlu, inbierku, ngħajxu, inserrħu, infejqu, neħilsu" (EG 273).

MARIO GRECH, «L-arloġġ tal-Knisja f'postu», 26 NOV 2017.

**Ħadu l-felu lil Ġesù, qiegħdu l-imnatar tagħhom fuq il-felu, u Ġesù rikeb fuqu. U bosta nies firxu fit-triq l-imnatar tagħhom, u oħrajn xi friegħi ħodor li kienu qatgħu mill-għelieqi.**

Id-dixxipli u «bosta nies» iqiegħdu l-*mantar* – simbolu taċ-ċertezzi u tal-kenn tagħhom – taħt Ġesù. Qabilhom Bartimew l-agħma kien «tajjar il-mantar minn fuqu» meta l-Mulej sejjaħlu. Hija l-*purċissjoni trijonfali* tal-Messija Sultan li jiġi milqugħ bil-friegħi fl-idejn huwa u dieħel fit-tempju (cfr *S* 118:27). Dawn il-«bosta nies» li jwettqu dan il-ġest ħamest ijiem wara jgħibu – jekk mhux ukoll iduru kontra – meta l-istess Ġesù jiġi kkundannat għall-mewt minn Pilatu fuq l-insistenza tan-nies (cfr *Mk* 15:13-14). Id-dixxiplu jrid joqgħod attent li ma jkunx wieħed minn dawk li jgħumu mal-kurrent – li xi drabi jista' jkun ukoll dak ta' sentiment qawwi reliġjuż – u nieqes minn dik il-koerenza li l-Mulej jitlob minn dawk li jimxu warajh. Inkella jkunu jgħoddu għalih il-kemiet tas-Salmista: «Aktar mill-butir hu ħelu fommu, imma qalbu bil-glied mimlija. Aktar miż-żejt hu artab kliemu, imma hu bħal sejf mislut» (*S* 55:22).

*Inħalli lil Mulej jirfes il-mantar tiegħi? Nagħraf fiH l-uniku Messija li quddiemu jeħtieġ li niċkien? Hemm fija elementi ta' dixxiplu "populista" li ħsiebni aktar f'li nogħġob lin-nies milli f'li nogħġob lil Alla?*

It is good to know that we are not the Messiah! It frees us from thinking that we are overly important or too busy (in some places it is not uncommon to hear people say: "No, don't go to that parish because the pastor is always busy!"). John the Baptist knew that his mission was to point the way, to make beginnings, to open up spaces, to proclaim that "another" was the bearer of God's Spirit. To be a people of remembrance frees us from the temptation of thinking that we are messiahs. We can fight this temptation in many ways, but also with laughter. [...] Laughter saves us from the "self-absorbed promethean neopelagianism of those who ultimately trust only in their own powers and feel superior to others". Laugh. Laugh in community, and not at the community or at others! Let us be on guard against people so important that they have forgotten to smile in their lives. "Yes father, but you are not offering me a solution, something to…". Let me tell you, I have two pills that help a lot: one, speak to Jesus, the Blessed Virgin, prayer, pray and ask for the grace of joy, the joy in the midst of a situation; the second pill you can take various times a day only if you need it, yet once is enough, look at yourself in the mirror: "Is that me? That's me? Ha ha ha". This makes you laugh. This is not narcissism, quite the contrary, the mirror here serves as a cure. The first aspect then is joy, joyful awareness of self.

FRANCIS, Address to [...] seminarians, Peru, 20 JAN 2018.

**U kemm dawk li kienu miexja quddiem u kemm dawk li kienu miexja wara, bdew jgħajtu: "Hosanna! Mbierek min ġej f'isem il-Mulej! Mbierka s-Saltna li ġejja ta' David missierna. Hosanna fl-ogħla tas-smewwiet!"**

Dik li fl-AT kienet talba u karba għall-għajnuna – «Ejja, nitolbuk, Mulej, salvana!» (*S* 118:25; Ebr. *hòsha-ná* = salva, nitolbuk!) – fuq fomm il-folla miġbura ssir akklamazzjoni ta' ferħ u qima; it-tislima li s-saċerdoti kienu jagħtu lill-pellegrini deħlin it-Tempju huma u ġejjin għall-festi tal-Mulej – «Mbierek minn ġej f'isem il-Mulej!» (*S* 118:26) – issa tiġi ndirizzata lil Ġesù li hu tabilħaqq il-Mulej: «Mbierek għal dejjem ismu msebbaħ; timtela l-art kollha b'sebħu! Ammen! Ammen!» (*S* 72:19). Dak li ġej huwa *aqwa* minn David, huwa Sidu (cfr *Mk* 12:35-

37), li wasal sabiex iwaqqaf darba għal dejjem is-Saltna tiegħu. Dak li n-nies kienu qegħdin jistqarru dwar l-identità Messjanika ta' Ġesù kien minnu. Ġesù kellu jurihom aħjar b'liema mod kellu jibni din is-Saltna: bl-għotja tiegħu fuq is-Salib fejn isseħħ ir-rivelazzjoni sħiħa tiegħu bħala «Bin Alla» (*Mk* 15:39).

*Kemm jien dixxiplu li permezz tal-fidi tiegħi nagħmel il-qalb lil sħabi fil-komunità biex ifaħħru lil Mulej għaliex jiġi jżur lill-poplu tiegħu, u allura anki lil ħajjitna? Kemm inwassal dak il-ferħ tal-vanġelu lill-oħrajn? Kemm kapaċi nifraħ b'dak li l-Mulej iwettaq fil-qalb ta' ħuti?*

Joy is the surest sign that we have "discovered" the Messiah. Contagious joy is a constant in the hearts of the apostles, and we see it in the enthusiasm with which Andrew tells his brother: "We have found him!" For "the joy of the Gospel fills the hearts and the lives of all who encounter Jesus. Those who accept his offer of salvation are set free from sin, sorrow, inner emptiness and loneliness. With Christ, joy is constantly born anew". And this is contagious! This joy opens us up to others; it is a joy not to be kept but shared[...] We are called to be builders of communion and unity, but this does not mean thinking everyone is the same, or doing things always the same way. It means discerning what everyone has to offer, respecting their differences, and acknowledging the gift of charisms within the Church, knowing that while each of us contributes what he or she has, we also need one another. Only the Lord has the fullness of the gifts; only he is the Messiah. He wanted to distribute his gifts in such a way that we can give what is ours while being enriched by that of others.

FRANCIS, Address to [...] seminarians, Peru, 20 JAN 2018.